# L-Isqof Cagliares

## Kitba ta' Charles Buttigieg



Isem l-Isqof Baldassare Cagliares liż-Żwieten ifakkarhom minnufih fil-villa li huwa bena fiż-Żejtun, eżatt fil-post fejn tibda Triq il-Wied, fit-tarf tar-Raħal t'Isfel, taż-Żejtun. L-antiki kienu jsejħulha 'It-Tempju'. Hija binja f'inħawi ta' raba għammiel, li minnu jgħaddi l-ilma. Fil-qrib hemm Wied Mazza, li jħaddan numru sew ta' siġar tal-ħarrub. Hija proprjetà li, fil-bidu tas-snin Elfejn, ġiet restawrata mis-sidien privati ġodda tagħha.

Baldassere Cagliares twieled il-Belt Valletta, fl-1575. Hemm riċerkaturi li jgħidu li missieru kien kavallier ta' nisel Spanjol. Ommu kienet mir-Rabat ta' Għawdex.



Fit-18 ta' Mejju, 1615, il-Papa Pawlu V ħatar lil Cagliares bħala Isqof ta' Malta. Huwa sar is-suċċessur tal-Isqof Tomaso Gargallo, Spanjol, li fis-36 sena li dam imexxi d-djoċesi kien għadda minn inkwiet kemm mal-Gran Mastru tal-Ordni tal-Kavallieri, mal-Inkwiżitur u wkoll mal-Kapitlu tal-Katidral.

Cagliares sar Isqof ta' 40 sena. L-ordinazzjoni episkopali tiegħu tmexxiet mill-Isqof Paolo Faraone, Isqof tad-Djoċesi ta' Sirakuża, assistit mill-Isqof Andrea Caputo, Isqof tad-Djoċesi ta' Lettere-Gragnano, Napli (fl-1818, it-territorju ta' din id-djoċesi ġie magħqud mad-Djoċesi ta' Castellammare di Stabia).



Cagliares kien l-uniku isqof Malti fit-tmexxija tad-djoċesi fiż-żmien li f'Malta kien hawn il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530 - 1798). Huwa kien magħruf bħala saċerdot ferm karitattiv.

Fost tant ħidmiet tiegħu, jissemmew b'mod partikolari l-inizjattiva li ħa biex minn flusu jifdi tliet Ġiżwiti li kienu waqgħu lsira taħt it-Torok; ta elfejn skud minn butu biex jitħallas is-sit li kien inxtara għall-Kunvent tal-Patrijiet Tereżjani f'Bormla; u ta donazzjoni ta' 3,000 skud għall-flotta tal-Kavallieri li kienet dedikata għad-difiża ta' Malta.

### Palazz fil-Belt



L-aktar proġett li Cagliares baqa' msemmi għalih kien il-bini tal-Palazz tal-Isqof fil-Belt, li wara l-bini tiegħu hemm storja partikolari. Il-Gran Mastru tal-Ordni tal-Kavallieri, bħala Sovran assolut, kien joħroġ munita, jagħti ordnijiet, jagħmel liġijiet u jikkundanna jew jaħfer kif irid hu.

Meta Cagliares sar Isqof, il-Gran Mastru kien Fra Alofio Wignacourt, Franċiż, li ġie elett fil-kariga fl-10 ta' Frar, 1601. Il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin, f'dik is-sena, kienet 33,000.

Wignacourt, li tnejn mit-torrijiet li bena, minn flusu, kienu t-Torri ta' San Luċjan (1610), f'Marsaxlokk, u t-Torri ta' San Tumas (1614), f'Wied il-Għajn, miet fl-14 ta' Settembru, 1622.

Warajh, fuq rakkomandazzjoni tiegħu qabel ma miet, bħala Gran Mastru laħaq il-Ġeneral tax-Xwieni, Fra Luigi Mendes De Vasconcellos, li kien diġà kellu tmenin sena meta daħal fil-kariga.

Tul iż-żmien tagħhom f'Malta, il-Kavallieri ħadmu kemm felħu biex iqawwu u jsostnu l-awtorità tagħhom fil-pajjiż. Il-Knisja, min-naħa tagħha, kienet tfittex li tipproteġi u ssaħħaħ il-qagħda tagħha.

L-Isqof Cagliares ried jibni residenza għalih, bħala Isqof ta' Malta, fil-Belt Valletta, imma l-Gran Mastru Wignacourt ma ridux jagħmel dan. Il-Gran Mastru ried li fil-Belt ikun hemm kap wieħed biss, u li dan ikun il-Gran Mastru. Kien jgħid li jkun hemm konflitt ta' ġurisdizzjoni jekk ikun hemm iktar minn kap wieħed il-Belt.

Skont ċerti riċerkaturi, l-Isqof Cagliares ried jibni r-residenza tiegħu fuq porzjon ta' art fil-Belt li kien tal-familja tiegħu. Madankollu, il-Gran Mastru xorta oġġezzjona, minħabba l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni.

Meta ra hekk, l-Isqof Cagliares mar Ruma, ifittex appoġġ għall-proġett tiegħu.

Wara l-mewt ta' Wignacourt, is-suċċessur tiegħu, il-Gran Mastru Vasconcellos ilmenta ma' Ruma li sede tal-Isqof fil-Belt kienet se żżid l-indħil tal-Isqfijiet fl-affarijiet tal-Ordni.

L-awtur Pietru Pawl Castagna, fil-ktieb tiegħu, "L-Istorja ta' Malta bil-gżejjer tagħha", ippubblikat fl-1890, jgħid li l-Gran Mastru baqa' jargumenta li fil-Belt ma għandu jabita ebda kap ieħor ħlief il-Gran Mastru. Castagna jkompli hekk:

"Inkiteb Ruma. Ir-raġunijiet tal-Isqof dehru tajbin, għaliex kienu illi giustappuntu (eżattament) fil-Belt fejn hemm il-Kbarat, u fejn hemm l-aktar poplu għandu joqgħod l-Isqof, l-iżjed f'Belt fejn iridu jġibuha mill-aktar 'il quddiem. Allura l-palazz kompla jinbena, iżda l-kalzri baqa' fl-antik tal-Birgu."

Kien il-Papa Gregorju XV, is-suċċessur tal-Papa Pawlu V, li miet f'Jannar 1621, li ippermetta li tinbena residenza tal Isqof fil Belt, waqt li l Qorti tal-Isqof tibqa' l-Imdina.

Sadattant, fi żmien il-Kavallieri, il-bini kien regolat minn ħafna liġijiet. Dwar il-Belt, il-liġijiet kienu ferm partikolari. Barra li mponew il-pjanta tal-Belt, il-Kavallieri ddeterminaw il-karatteristiċi tal-bini u wkoll it-tiżjin li kellu jsir fihom.

L-Isqof Cagliares ried li l-Palazz tal-Isqof ikollu l-ġnien tiegħu. Il-palazz, disinjat b'kummissjoni minn Tumas Dingli (1591-1666), sar bi ġnien, li huwa uniku fl-inħawi ta' fejn qiegħed fil-belt kapitali. Hdejn il-ġnien hemm ukoll mini taħt l-art, b'nixxiegħa tal-ilma, li wkoll hija ħaġa rari ħafna fil-Belt Valletta.

Esperjenza partikolari waqt il-bini tal-Palazz tal-Isqof kienet dwar in-nies li ħadmu biex jibnuh. Lill-ħaddiema, l-Isqof Baldassare tahom it-tonsura tal-kjeriċi biex il-Kavallieri ma jkunux jistgħu jwaqqfuhom u jarrestawhom. It-tonsura kienet ċirku żgħir fuq ras il-kjeriku, li minnu kien jitqaxxar ix-xagħar.

Billi l-kwistjonijiet tal-Isqof mal-Kavallieri dwar il-bini tal-palazz komplew, fi żmien l-Isqof Cagliares il-binja kienet limitata għal sotterren u pjan terren biss.

L-ewwel sular sar jikkonsisti f'entratura kbira, sala biswita, u għadd ta' kmamar oħrajn madwar bitħa nterna. Il-kmamar jieħdu d-dawl primarjament mill-bitħa nterna, imma għandhom ukoll twieqi għat-toroq tal-madwar.

Fil-bitħa, li madwarha għandha għadd ta' kmamar li jiġu taħt is-sular terren, sar spazju għall-mezzi ta' trasport tal-Isqof, kif ukoll faċilitajiet fejn in-nies li jagħtu servizzi fil-post ikunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom.

Dokument (disproporium) tal-Isqof Cagliares miktub fl-1631 juri li l-Isqof nefaq 12,000 skud biex bena l-palazz. Il-flus ġew minn fondi djoċesani u minħabba f'hekk huwa ħalla (bequeathed) il-proprjetà lill-Knisja Katidrali. Dan bil-kundizzjoni li l-proprjetà qatt ma tiġi mislufa, mikrija jew mibjugħa, imma tintuża biss bħala residenza tal-Isqof, is-suċċessuri tiegħu, jew Vigarji Kapitulari, u jekk dawn ma jkunux iridu jgħixu fiha, tintuża bħala tribunal ekkleżjastiku.

L-Isqof Cagliares ordna wkoll li, f'każ ta' assedju, l-Isqof, jew il-Vigarju li jkun qed imexxi fin-nuqqas tiegħu, għandhom jagħtu, mingħajr ebda ħlas, nofs il-palazz lill-Kanoniċi u l-Kjeriċi tal-Kattidral biex jgħixu fih u jiċċelebraw hemm l-uffiċċji sagri, kif ukoll jerfgħu l-ilbies ekkleżjastiku u l-oġġetti prezzjużi tal-Knisja Kattidral (AraJudicale Inventarium Bonorum Spectantium ad Mensam Episcopales, 83).

Fl-1730, il-Palazz tal-Isqof ġie mkabbar u mtejjeb mill-Isqof Alpheran de Bussan (1684-1757). Fis-snin 1950, imbagħad, l-Arċisqof Mikiel Gonzi bena appartament residenzjali ġdid fl-ewwel sular, li jinkludi setaħ li minnu tista' tara parti sew mill-Port ta' Marsamxett.

## Hidmiet oħrajn ta' Cagliares

Fit-18 -il sena li dam imexxi d-djoċesi ta' Malta, l-Isqof Cagliares bena wkoll palazz fiċ-Ċittadella

ta' Għawdex, biswit il-knisja żgħira ddedikata lil San Ġużepp, il-villa fiż-Żejtun u villa oħra fl-inħawi Ta' Xewxa, li tħaddan għar naturali b'ilma ġieri, f'post mogħni bis-siġar u veduta mill-isbaħ. L-għażla taż-Żejtun biex l-Isqof Cagliares jibni waħda minn dawn il-vilel jista' jkun li kellha, fost influwenzi oħrajn, rabta mal-fatt li, fi żmienu, iż-Żejtun kien wieħed mill-postijiet li l-iktar kienu fil-mira tal-attakki Torok.

Fis-6 ta' Lulju, 1614, pereżempju, jiġifieri inqas minn sena qabel il-ħatra tal-Isqof Cagliares, barra Marsaxlokk feġġew sittin xini tat-Torok. L-invażuri ma attakkawx it-torri ta' San Luċjan, li kien għadu ġdid u fih kienu nġabru l-Kavallieri u n-nies, imma marru jiżbarkaw Wied il-Għajn. Madwar 5,000 minnhom telgħu dritt iż-Żejtun. Il-Kavallieri u ż-Żwieten, tqabdu magħhom u rebħulhom fl-inħawi ta' Buleben.

Skont ċensiment li sar fl-1590, li r-rapport dwaru hu datat 15 ta' Lulju, 1590, il-popolazzjoni taż-Żejtun dak iż-żmien kienet tikkonsisti f'452 dar u 2,027 persuna. Dan kien f'perijodu meta Ħaż-Żabbar kien għadu jagħmel maż-Żejtun, kif kien għadu wkoll Ħal Għaxaq.

## Ħaż-Żabbar jinqata' miż-Żejtun

Fit-23 ta' Diċembru, 1615, 17-il xahar wara l-invażjoni Torka u seba' xhur biss wara li Cagliares sar Isqof, rappreżentanti tas-650 raħħal, f'150 dar, li kien hemm jgħixu Ħaż-Żabbar, talbu lill-Isqof Cagliares biex jagħmel lil Ħaż-Żabbar parroċċa indipendenti. Ir-raġuni li ġabu kienet li kellhom qraba li mietu mingħajr ma rċivew l-aħħar sagramenti, għaliex il-Kappillan Mattew Burlò u l-Kurat tiegħu mhux dejjem kienu jistgħu jmorru ħdejhom fil-ħin mixtieq jew meħtieġ.

Nhar it-28 ta' Diċembru, 1615, l-Isqof Cagliares għarraf lill-Kappillan taż-Żejtun li kien se jaċċetta t-talba taż-Żabbarin biex Ħaż-Żabbar isir parroċċa. Il-kappillan taż-Żejtun ma oġġezzjonax. Fl-10 ta' Jannar, 1616, Dun Angelus Pontremoli ħa l-pussess bħala l-ewwel Kappillan ta' Ħaż-Żabbar. Sentejn wara, l-Isqof Cagliares għamel Vista Pastorali fiż-Żejtun.

Il-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar kienet l-ewwel parroċċa li stabbilixxa l-Isqof Cagliares. It-tieni parroċċa magħmula minnu kienet dik tal-Qrendi. L-ewwel kappillan fil-Qrendi ġie nstallat fis-16 ta' Frar, 1618. It-tielet u l-aħħar parroċċa magħmula mill-Isqof Cagliares kienet ta' Ħal Għaxaq, bl-ewwel kappillan jibda l-ħidma tiegħu fit-30 ta' April, 1626.

Wara 17-il sena jmexxi d-djoċesi, l-Isqof Cagliares inħakem minn marda. Huwa miet fl-4 t' Awwissu, 1633, fl-età ta' 58 sena.



## Il-villa fiż-Żejtun

Il-villa ta' Cagliares fiż-Żejtun saret f'nofs is-Seklu 17. Il-websajt tal-Għaqda Wirt iż-Żejtun, toffri dan it-tagħrif dwar il-villa:

"Il-bini minn barra huwa kemmxejn sempliċi mil-lat arkitettoniku. Nieqes mit-tiżjin li s-soltu mdorrijin naraw f'palazzi u vilel simili. Li kieku mhux għall-koppla tal-kappella li hemm fl-istess villa u l-opramorta bil-ballavostri li ddawwar l-istess koppla,diffiċli biex minn barra wieħed jintebaħ mill-ewwel li dak li hemm quddiemu huwa tabilħaqq bini ta' valur storiku.

"Jekk tifli l-faċċata aktar bir-reqqa, wieħed jintebaħ li f'nofs il-faċċata, iżda fil-għoli sewwa hemm skudett, jew arma minquxa fil-ġebel. Din l-arma mhix ta' Cagliares, iżda tal-familja nobbli Testaferrata u bħala hemm oħra fuq funtana ma' ħajt fil-ġnien tal-villa. B'hekk jidher li din il-villa f'xi żmien għaddiet għand din il-familja u jidher li l-villa oriġinali ta' Cagliares tkabbret għal kif narawha illum. Jidher li l-kappella u possibiliment parti mis-sular ta' fuq jiffurmaw parti minn dan it-tkabbir li aktarx sar fis-seklu tmintax."

Maż-żmien, il-villa nxtrat minn sidien ġodda u sar xogħol biex tiġi rrestawrata.

Nota: Charles Buttigieg hu wkoll l-awtur tal-artiklu dwar Mons. Isqof Emmanuel Galea li deher fil-pubblikazzjoni tas-Soċjetà Mużikali Beland fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Katarina f'Ġunju 2017.